31994R0177

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 177/94
tat-28 ta' Jannar 1994
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2568/91 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdalijiet taż-żejt taż-żebbuġ u dwar il-metodi rilevanti tal-analiżi

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xahmijiet [1], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 3179/93 [2], u b'mod partikolari Artikolu 35a tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 [3], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KEE) Nru 620/93 [4], jiddefinixxi l-karatteristiċi tat-tipi varji taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdalijiet taż-żejt taż-żebbuġ u l-metodi rilevanti ta' l-analiżi;

Billi Anness XII tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91 jipprovdi għal tolleranza fil-gradazzjoni ta' ċerti tipi ta' żejt verġni li trid tiġi applikata għal perjodu limitat taż-żmien; billi fid-dawl ta' l-esperjenza fl-applikazzjoni ta' tolleranza ta' 0,5 rigward l-operati li għandhom x'jaqsmu ma' l-intervent u fl-interess ta' l-immaniġġjar sod ta' l-iskema ta' intervent, din it-tolleranza għandha tiġi abolita;

Billi Anness XIV għandu jiġi emendat sabiex iqis aħjar il-karatteristiċi naturali ta' ċerti żjut taż-żebbuġa; billi huwa wkoll meħtieġ li jiġu korretti ċerti żbalji fit-test tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. F'Anness IV, punt 5.2.5.2,"100" għandu jigi mibdul f'"1 000".

2. Fil-punt 10.2 ta' Anness XII, it-tieni sub-paragrafu tal-paragrafu "Espressjoni tar-riżultati" għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "Madankollu, fil-każ taż-żjut li huma soġġetti għall-operati ta' intervent, ma għandha tiġi applikata l-ebda tolleranza."

3. F'Anness XIV, in-Nota Addizzjonali 2 hija emendata kif ġej:

   — fil-punt B. I. (a) u II. (ċ) u fil-punt Ċ. (b), l-espressjoni "alkoli alifatiċi" tiġi mibula bl-espressjoni "xama";

   — fil-punt B. I. (a), iċ-ċifra "400" tiġi mibdula biċ-ċifra "350";

   — fil-punt B. II. (ċ), iċ-ċifra "300" tiġi mibdula biċ-ċifra "250";

   — fil-punt Ċ. iċ- (ċ) jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "(ċ) K_{270} *extinction coefficient* (100) mhux ogħla minn 1,20";

   — fil-punt Ċ. id- (d) jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "(d) (ΔK), fir-reġjun ta' 270 nm, mhux ogħla minn 0,16".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Iżda, Artikolu 1(3) tiegħu għandu jibda jgħodd b'effett mill-wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Jannar 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU Ċ 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
[2] ĠU L 285, tal-20.11.1993, p. 9.
[3] ĠU L 248, tal-5.9.1991, p. 1.
[4] ĠU L 66, tat-18.3.1993, p. 29.